MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# TMIEN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 93

10 ta' Jannar, 2019

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-1.54 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea– Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Margaret Said – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxattriċi għaż-Żgħażagħ

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

## Aġenda Nru. 93

93.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
93.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti Nru. 91 – 8;
93.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
93.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
93.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv;
93.6 Il-Proġett tal-Pjazza Santa Margerita – Ħruġ ta' Offerta mill-ġdid;
93.7 Aġġudikazzjoni u Evalwazzjoni tal-Offerta SNT 09/2018 – M4.4;
93.8 Il-Karnival f'Ta' Sannat 2019;
93.9 Ilmenti u Suġġerimenti;
93.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 1/2019;
93.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 93.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

93.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' appoloġiji.

## 93.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti preċidenti

93.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa preċidenti Nru. 92 – 8 li kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi u b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill u ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 93.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

93.3.1 Is-Sindku qal li wara li l-Ministeru għal Għawdex nieda skema ta' għajnuna għal attivitajiet kulturali fil-gżira Għawdxija, il-Kunsill Lokali applika għal żewġ applikazzjonijiet separati. Waħda bl-isem Ikun li trid int, attivita' mużikali għal żmien l-Għid li ser issir nhar il-Ħadd 7 ta' April 2019, fi Triq tal-Gruwa fejn sar id-dramm is-sena l-oħra u l-attivita' oħra bl-isem EST EST EST Wine Festival li jista jsir is-Sibt 27 ta' April 2019 fi Triq 28 ta' April 1866. Il-Kunsill għandu jistenna r-riżultat miksub għal dawn l-attivitajiet. Is-Sindku qal li riġward l-attivita' tal-Għid ix-xogħolijiet tal-produzzjoni se jibdew mill-aktar fis biex tkun produzzjoni tajba. Kien hemm qbil mill-Kunsill dwar dan.

93.3.2 Is-Sindku qal li kif kien intqal fil-laqgħat preċidenti l-Kuntrattur Road Construction Ltd. għadu għaddej bix-xogħolijiet fi Triq l-20 ta' Lulju biex imbgħad isir il-major patching fi Triq Saguna wara li l-Kunsill wissa lill-Kuntrattur li dan se jiġi mmultat. Apparti dan il-Kuntrattur flimkien mall-perit iltaqgħu fuq il-post fi Triq l-20 ta' Lulju fejn parti minn din it-triq se tingħata bil-konkos dan għaliex hu dejjaq u ma jgħaddix il-makkinarju biex jingħata it-tarmak. Il-Perit qal li jaqbel ma dan biex ix-xogħol jiġi sewwa. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm problema tal-livelli f'din it-triq sa anke il-main tat-telefon kien fil-wiċċ tat-triq b'hekk kien hemm id-dewmien u r-residenti bagħtew b'dawn iċ-ċirkustanzi. Il-Kunsill qabel ma dan.

93.3.3 Is-Sindku qal li din is-sena saret il-Laqgħa Annwali Pubblika u attendiet persuna waħda fejn din talbet xi mistoqsijiet dwar xogħolijiet u ġiet mwieġba għad-domandi tagħha.

93.3.4 Is-Sindku qal li kif qalet ir-residenta li attendiet għall-Laqgħa Annwali Pubblika fi Triq it-Tempju tal-Imramma għandhom jintalbu biex jiġu approvati minn Transport Malta slow signs u speed limit ta' 35. Il-Kunsill qabel ma dan. Fl-istess triq ntalab biex jiżdiedu l-lampi tat-toroq peress li din it-triq hija waħda mudlama. Il-Kunsill qabel ma dan u qal li meta se jinqalgħu l-lampi mill-isqaqien Ta' Dun Nastas u Triq il-Kalati u jinbidlu mall-wall lanterns ġodda xi lampi minn dawn għandhom jiġu nstallati f'din it-triq.

93.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Eżekuttiv tkellem mall-Perit tad-DEPF (Planning Authority) biex jara fhiex waslu l-applikazzjonijiet għax-xogholijiet fi Triq l-Isqof Davide Cocco Palmieri u Sqaq Dun Nastas fi Triq Ta' Ċenċ fejn ġie nfurmat li dawn l-applikazzjonijiet għadhom qed jiġu pproċessati. Kien hemm qbil mill-Kunsill li dawn ix-xogħolijiet jingħata lill-kuntrattur Vella Bros Ltd. bir-rata skond il-kuntratt li għandu mall-Kunsill.

93.3.6 Is-Sindku qal li x-xogħolijiet tal-ħadid tal-fencing tal-playing field fi Triq it-Tabib Anton Tabone u Triq Marziena minn fondi li kienu ġew miksuba tal-U.I.F. Planning Authority wasal fi stadju li jitlesta u għad fadal biss il-parti ta' fuq dik fuq in-naħa ta' Triq Marziena. Il-Kunsill għandu jkellem lil ħaddied. Dwar il-gate biex dan ikun jista jingħalaq filgħaxija il-Kunsill għandu jara x'disinn se jsir. Il-Kunsill qabel li dan il-ġnien jingħata l-isem Ġnien is-Sannatin. Is-Sindku qal li f'dan il-playing field kif kien qabel il-Kunsill għandha ssir bandla għal persuni bi bżonnijiet speċjali. Il-Kunsill għandu jakkwista kwotazzjoni għal din il-bandla.

93.3.7 Is-Sindku qal li l-E.T. il-President ta' Malta, Marie Louise Coleiro Preca żaret il-lokalita' Ta' Sannat nhar il-Ħadd 23 ta' Diċembru 2018 bejn l-4.10 p.m. u l-4.35 p.m. fejn ingħatat s-somma miġbura mill-envelopes li offrew ir-residenti Ta' Sannat mill-kaxxi apposta fl-uffiċċju tal-Kunsill u fil-Knisja kif ukoll mill-attivita' tal-Jum Dinji tat-tfal b'risq il-MCCF is-somma b'kollox kienet dik ta' €1040.43 u kien hemm cheque ta' €10 indirizzat l-Istrina .

93.3.8 Il-kor ta' tfal Fjur il-Martri Margerita kantaw xi kant tal-Milied waqt din l-attivita'. Din l-attivita' saret maġenb iż-żuntier tal-Knisja fuq in-naħa ta' Ċenċ.

93.3.9 Is-Sindku qal li rċieva kummenti posittivi dwar it-tiżjin bid-dwal tal-Milied fi Triq Sannat u Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill ukoll faħħar dan ix-xogħol.

93.3.10 *Fis-1.57 p.m., il-Kunsilliera Cassar Sultana daħlet għal laqgħa.*

## 93.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

93.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsillieri.

## 93.5 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

93.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ANSEK organizzat il-kors dwar GDPR (data protection) u li hu attenda għalih din il-ġimgħa nhar it-Tlieta 8 u l-Erbgħa 9 ta' Jannar 2019. Hu qal li dan il-kors sar fil-Kunsill Lokali L-Għarb u li dan mhux biżżejed għaliex huwa suġġett vast ħafna u li kien interessanti ferm u qal li diġa nforma lill-impjegati tal-uffiċju b'ċerti policies li għandhom jimxu magħhom fl-uffiċju.

93.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar is-CCTV camera li hemm fil-Ġnien tal-Bidwi talab lil diversi suppliers iżda wieħed biss taħ il-kwotazzjoni rikjesta. Din tammonta għal €1014.80ċ. Il-Kunsill qabel li għandu jaħdem b'dan.

93.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li wara li l-Kunsill kien iddeċieda li s-Sur Oliver Bonello jiġi nnominat għal Presdient tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Primarja Ta' Sannat, is-Sur Bonello aċċeta u l-Ministeru ta' Edukazzjoni u x-Xogħol ġie nfurmat b'dan.

93.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li d-Direttur Ġenerali tad-DLG nfurmana li s-Sur Christopher Galea, preżentament Kap tat-Taqsima tal-Monitoraġġ inħatar Direttur-Designate (Gvern Lokali – Monitoraġġ u Support) u li l-ħatra tiegħu bħala Direttur tidħol fis-seħħ mill-1 ta' April 2019.

93.5.5 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill li l-laqgħa li jmiss tar-Reġjun Għawdex ser issir nhar it-Tnejn 14 ta' Jannar 2019, fis-7.15 p.m fl-uffiċċju tar-Reġjun ir-Rabat Għawdex. Is-Sindku qal li se jattendi.

93.5.6 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li mit-Trenching Permit Section (Gozo) staqsew jekk

fi Triq Ta' Xamgħan fejn bdew isiru diversi binjiet ġodda u qed jitqattgħu t-trinek tad-drenaġġ, hux possibli li l-wiċċ tat-trinka tistax titħalla bil-konkos minflok tingħata l-asfalt dan qed jitalab peress li l-istat tat-triq mhux f'kundizzjoni tajba u għad iridu jsiru ħafna aktar servizzi tad-djar ġodda.

93.5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bgħatet jekk il-Kunsill hux lest li jġedded l-polza tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa għall-Impjegati u għall-membri tal-Kunsill u dwar l-assigurazzjoni ta' flus kontanti. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 93.6 Il-Proġett tal-Pjazza Santa Margerita

93.6.1 Is-Sindku qal lill-Kunsill li dwar l-offerta li ħarġet għat-tieni darba dwar il-pavimentar mill-ġdid ta' Pjazza Santa Margerita, għada għandha ssir laqgħa mall-Ministru għal Għawdex dwar din il-Pjazza u Triq Sannat wkoll peress li kienu għadhom ma tawhx appuntament. Hu qal li se jkun ċar u konċiż dwar il-fatt li din l-offerta qed tiġi għola aktar minn dak stmat. Hu qal li jkun ferm aħjar jekk issir Triq Sannat peress li hekk ilhom jitolbu r-residenti Ta' Sannat. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 93.7 Aġġudikazzjoni u Evalwazzjoni tal-Offerta SNT 09/2018 – M4.4

93.7.1 Is-Sindku qal li dalgħodu l-bord kompost minnu bħala Chairman, l-Avukat Dr Mario Scerri, il-Perit Gordon Vella, l-Accountant Pauliana Said u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu biex tiġi aġġudikata u evalwata l-offerta SNT09/2018 for the restoration of rubble walls in Ta' Sannat minn-Miżura 4.4. Kien hemm offerant wieħed biss li wera l-interess. Din l-offerta kienet il-fuq ħafna mill-budget u għalhekk il-Kunsill se jkollu jerġa joħroġ din l-offerta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li se jikteb u jinforma b'dan lil Managing Authority.

## 93.8 Il-Karnival f'Ta' Sannat 2019

93.8.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar is-serata tal-Karnival din is-sena l-Kunsill għandu qabel jikkonsulta mat-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex ma jerġax jiġri bħal dawn l-aħħar snin u nispiċċaw noqgħodu nistennew lill-parteċipanti minn item għal ieħor peress li jkun għadu għaddej il-programm tal-Karnival Regjonali fir-Rabat jew f'xi lokalita' oħra. Il-Kunsillier Bajada qal u insista li l-Kunsill ilu sa mit-twaqqif tiegħu jorganizza din l-attivta' it-Tnejn tal-Karnival. Is-Sindku qal li sadanittant il-kumpaniji nteressati xorta għandhom jirreġistraw u jinfurmawna biex ikunu jistgħu jipparteċipaw biex b'hekk meta ssir din l-attivita' jkollna biex nibnu programm b'attivita' pjaċevoli bħas-soltu. Il-Kunsill qabel ma dan.

## 93.9 Ilmenti u Suġġerimenti

93.9.1 Is-Sur Victor Curmi qed jitlob li jsir *disabled parking* 'il fuq mill-*Quaint Hotel*, dan għaliex fuq din in-naħa tal-pjazza ma hemmx fejn wieħed jipparkja bil-*blue badge.* Il-Kunsill qabel li għal din għandha ssir talba lill-Transport Malta.

93.9.2 Is-Sur Johann Craus ta' Triq Daħla taċ-Ċnus qed jitlob li ssir rampa quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill għandu jara din it-talba.

93.9.3 Is-Sur Emanuel Galea ta' Triq il-Kbira qed jitlob li ssir kaxxa safra għal *disabled parking* quddiem ir-residenza tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Transport Malta.

93.9.4 L-Avukat Joseph Attard ta' Triq il-Kbira qed jitlob li ssir bankina ġdida quddiem id-dar tiegħu. Din it-talba għandha tintalab bis-sistema tal-MGOZ.

93.9.5 Il-Kunsilliera Said qalet li fi Triq il-Kbira hemm zokk minn siġra imqaċċat f'din it-triq. Il-Kunsill għandu jinforma lill-ħaddiema assenjati miegħu biex ineħu dan.

93.9.6 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li wara li saru it-toqob u twaħħlu is-siġar fi Triq Marsilja r-residenti ġibdulu l-attenzjoni biex din il-bankina tinbidel. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir tal-konkos b'disinn monolitiku.

93.9.7 Is-Sur Daniel Grima ta' Triq Pisoniano qed jitlob biex isiru double yellow lines fuq in-naħa l-oħra tat-triq faċċata tal-garaxx tiegħu għaliex mhux qed ikun jista joħroġ u jdaħħal il-vettura fil-garaxx. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob lill-Transport Malta fuq din it-talba.

93.9.8 Il-Viċi Sindku flimkien mall-Kunsilliera Said issuġġerixxew biex tiġi organizzata ikla lill-membri tal-Kunsill u lill-Uffiċjali peress li fi żmien tal-festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena l-Kunsill ma organiżżax din. Il-Kunsill qabel li din għandha ssir nhar il-Ġimgħa 1 ta' Frar 2019.

## 93.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 1/2019

93.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq fuq il-mejda tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti Nru. 1/2019 biex dawn il-kontijiet ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 93.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

93.11.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.51 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 18 ta' Frar 2019, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 13 ta' Frar 2019

IFFIRMATA

Philip Vella
Sindku

IFFIRMATA

Jason Curmi
Segretarju Eżekuttiv